bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Angelo Caruana)
vs
Salvatore Pipia, iben
Giuseppe, imwieled
Palermo fit-12 ta'
novembru, 1964

Illum, 24 ta' lulju, 2001

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli fl-10 ta' jannar, 2001 u fis-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti wkoll jekk magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
1. talli mill-ħanut Sapienza Bookshop fi Triq ir-Repubblika, il-Belt, Valletta kkometta serq ta' kotba liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin u li sar għad-detriment tas-sidien ta' l-istess stabbiliment;
2. talli mill-ħanut Books fi Triq Bisazza, Sliema kkometta serq ta' kotba u affarijiet oħra liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin u li sar għad-detriment tas-sidien ta' l-istess stabbiliment;
3. talli mill-Agenda Bookshop Embassy fi Triq Santa Lucia, il-Belt, Valletta kkometta serq ta' kotba liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin u li sar għad-detriment tas-sidien ta' l-istess stabiliment;
4. talli mill-Clamus Stationery fi Triq Melita, il-Belt, Valletta kkometta serq ta' kotba u stationery liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin u li sar għad-detriment tas-sidien ta' l-istess stabbiliment;
5. talli mill-ħanut Exotique fi Triq ir-Repubblika, il-Belt, Valletta u mill-ħanut sitwat fi Triq Manuel Dimech, Sliema rispettivament ikkometta serq ta' numru ta' TDK Tapes (VHSC), TDK Video Tapes u TDK Tapes, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin u li sar għad-detriment tas-sidien ta' l-istess stabbilimenti;
6. talli mill-ħwienet ABC Stationery sitwati fi Triq in-Nofs in-Nhar u Pjazza l-Ħelsien, il-Belt, Valletta kkometta serq ta' batteries liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin u li sar għad-detriment tas-sidien ta' l-istess stabbilimenti;
7. talli mill-ħanut V & N International fi Triq ir-Repubblika, il-Belt, Valletta kkometta serq ta' 'keychains' u xi affarijiet oħra liema serq ma jeċċedix il-ħamsin lira maltin u li sar għad-detriment tas-sidien ta' l-istess stabiliment;
8. talli kkometta serq ta' kwantita' żgħira ta' disposable cameras, kotba, batteriji, TDK Video Tapes, stationery u xi affarijiet oħra liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin u li sar għad-detriment ta' persuni mhux magħrufa;
9. talli fl-istess perjodu, f'Malta, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta, kif ukoll barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-13 ta' lulju, 2001 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
fl-artikoli 18, 31, 261(ċ), 267, 279(2), 280, 334, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' lulju, 2001 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' lulju, 2001 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tad-disa' akkuża miġjuba kontra tiegħu u kwindi tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18, 31, 261(ċ), 267, 279(2), 280, 334, 20, 22 u 23 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Tordna l-konfiska tal-oġġetti eżebiti tal-persuni mhux magħrufa. Tiddikjara li fil-każ in eżami mhemmx lok għal applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.